# Jum il-Vitorja

*Pro.Maurice N. Cauchi*



*JUM IL-VITORJA,*
*Ghawdex, 2000*

*Diskors ta' l-okkazzjoni,*
*mill- Professor Maurice N.Cauchi -*

Il-pajjizi kollha tad-dinja jiccelbraw il-vittoriji taghhom fuq l-ghadu, u ahna, mhux inqas minnhom, ghandna x'niccelebraw. Il-lum, jum il-Vitorja, niftakru fi grajjiet ta' l-imghoddi meta Malta u Ghawdex kienu waslu fi xfar l-abbiss, u minn hemm ixxabtu lura rebbieha. Din hija l-istorja li jafha kulhadd. L-ewwel nett, niftakru meta hames mitt sena ilu konna mhedda mit-Torok, u rnexxielna nzzommu iebes bhal gebla fit-tempesta. Niccelebraw ukoll illum il-mitejn sena meta l-Francizi iffirmaw l-att ta' kapitulazzjoni - dak kien fil-5 ta'Settembru ta' l-1800. Fl-ahharnett, niftakru ukoll l-episodju aktar recenti ta' l-ahhar gwerra dinjija ta' nofs seklu ilu, li hafna minkom ghadkhom tiftakru sew. Ghawnhekk ukoll irnexxielna nisgiccaw mid-dwiefer tal-ghadu u nohorgu rebbieha.

Ghaliex hija haga tajba li niccelbraw u nfakkru dawn l-episodji ta' l-istorja taghna? Forsi ghax kull nazzjon ghandu bzonn il-folkore specifiku tieghu biex isahhah l-identità tieghu? Xi tfisser din ic-celebrazzjoni ghaz-zaghzah taghna? Jarawha forsi fdal ta' kontroll kolonjali meta ahna ma kellna ebda ghazla ohra hlief li nobdu u naghmlu dak li jordnalna haddiehor?

Jien ma nahsibx hekk. Kull wiehed u wahda minna nhossu l-bzonn li jkollna kultura soda, li biha nistghu nkunu kburin. Anke meta nkunu l-eluf ta' mili 'l boghod minn dawn il-gzejjer, anzi nista nghid, specjalment meta nkunu mbieghda u mifruda minn dak kollu li ahna nghozzu bhala tipikament Malti jew Ghawdxi, nhossu l-bzonn li nirrikorru ghal dak il core li jaghmilna dak li ahna, dak li hu tipiku, dak li hu uniku ghalina. L-istorja ta' pajjizna, bhal lingwa u l-kultura, ghandhom ir-rwol li jaghtuna l-identità taghna, li jaghgnuna hekk li nkunu differenti mill-pajjizi l-ohra tal-dinja u mill-miljuni li llum jigu jzuruna.

Però wiehed jista' jistaqsi: ghaliex niccelebraw r-rebhiet li jirrizultaw mill-gwerrer, u mhux r-rebhiet l-ohra li poplu jaghmel matul is-snin u s-sekli? Forsi f'dawk ta' l-ewwel biss nuru l-kuragg taghna, is-solidarjetà u l-ghaqda , l-energija tal-poplu, l-ingenwità, u dawk id-doni kollha li johorgu tant cari u qawwija fi zmien meta ghadu kommuni u barrani jaffaccjana? Jiena nghid li mhux hekk ghandu jkun. Ghandna nisiltu mill-istorja ta' pajjizna dawn l-lezzjonijiet kollha u nippruvaw nghixuhom fil-hajja ta' kuljum. Ma hemmx ghalfejn gwerra biex nuru l-kuragg taghna. Kemm minna huma lesti li johorgu ghonqhom 'l barra meta hemm l-inqas periklu, jew imiddu idejhom biex jizguraw li pajjizhom jibqa' miexi 'l quddiem? Kemm huma dawk li jemmnu li huwa possibli nkunu maghquda fi zmien il-paci hekk kif inkunu fi zmien il-gwerra. Wara kollox il-gwerrer huma episodji ta'xhur jew ftit snin, waqt li z-zmien tal-paci nghodduh bl-ghexierien tas-snin.

Ejja mela niftaku f'misserijietna, fil-qlubija taghhom, fit-tragedji li ghaddew minnhom. Imma ejja wkoll niehdu d-decizjoni li ahna, bhala ulied denji ta' eroj, m'ahniex inqas minnhom, billi nuru li fil-hajja taghna ta' kuljum lesti li nikkumbattu u nirbhu l-battalji zghar imma essenzjali taghna. U kif ghamlu l-ġenituri taghna f'dawn il-gwerrer, ma nitkarrbux u nistaqsu x'jista pajjizna jaghmel ghalina, imma l-ewwel u qabel kollox nistaqsu, x'nistghu ahna naghmlu ghal-pajjizna.

Ejja nibnu mafkar lil dawk li llum qed niccelebraw - monument mhux tar-rham u l-bronz, imma ta' rieda zonqrija biex mil-lum 'l quddiem nezercitaw dawk il-karatteristici qalbiena li urew dawk ta' qabilna. Ma hemmx ghalfejn nistennew gwerra ohra biex ikollna c-cans taghna, ghaliex ic-cans taghna huwa llum, il-hajja ta' kuljum.Il-futur ta' din l-art huwa f'idejna. Il-passat ghandu jkun gwida ghal-futur, ghax kif jghid il-kittieb maghruf Franciz, Amin Maalouf, "Tkun haga terribli li pajjz ikollu aktar qima ghall-passat milli ghall-futur.

" F'jum il-Vitorja nuru l-obbligazzjoni taghna lil dawk li ssieltu biex ihallulna l-wirt li ghandna sabiex ikollna tassew biex niftahru. Niftakru f'dawk l-eluf li wicchom hadd ma jafu, li f'ghomorhom qatt ma hadu medalji u premijiet, li sabu l-glorja tahhom biss fil-herba, u disperazzjoni li ggib maghha l-gwerra. Nselmulhom lil dawn kollha u nweghduhom li ahna u uliedna m'ahna qatt se ninsewhom..


| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Alcohol Addiction in Gozo | Poetry as a Sublime Expression | The ozone Layer over Gozo | A note on the Gozitan Economy | Ethnicity and Representation within The Maltese Media Indutries (ii) |
| Adolescents and Religion | Book Reviews | Jum il-Vitorja | Front Cover | |


University of Malta Gozo Centre

Articles © Univeristy of Malta - Gozo Centre and Individual Contributors
Design © Gozo.COM
The Views expressed herin are not necessarily those of the Editorial Board or the Board of the Univeristy of Malta - Gozo Centre

designed & hosted by GOZO.COM